MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2001

Numru 681/1999

**Il-Pulizija**
**(Sp.  David Saliba)**

**vs**

**Alan Grech ta' 25 sena, iben Joseph**
**U Elizabeth  nee Zerafa Gregory,**
**mwieled  Attard fis-26.07.75,**
**u residenti 47, 'Jocklyn', Summer Street,**
**Bugibba u Johansen, Censu Bugeja Street,**
**Iklin,  detentur tal-karta ta' l-identita'**
**Numru 358175 (M).**

**Illum 3 ta' Ottubru, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Alan Grech li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer u matul ix-xahar ta' Settembru, 1998, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda  dan billi fil-11 ta' Settembru u fl-24 ta' Settembru, 1998 f'dawn il-gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwr xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' Lm 300 bi hsara ta' haddiehor, u ban billi fiz-zewg okkazjonijiet imsemmija mela u ffalsifika cekkijiet tal-BOV fl-isem ta' Mr A. and Mrs A. Caruana bi ksur ta' l-artiklu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.  Barra minn hekk b'mezzi kontra l-ligi kellu fil-pussess tieghu dawn ic-cekkijiet meta kien jaf li gejjin mis-serq jew b'mod iehor kontra l-ligi, bi ksur ta' l-artiklu 334(a) tal-Kap 9.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li hu wiegeb li mhux hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat il-verbal tas-16 ta' Mejju, 2001 fejn l-Avukat Difensur ghall-imputat irregistra ammissjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi kollha.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat.

Illi apparti ghall-ammissjoni a' l-imputat il-Qorti hija konvinta mill-htija ta' l-imputat mill-provi prodotti.  Rat ghalhekk l-artikoli 308 u 334(a) u 17 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.  Dwar il-piena rat il-fedina penali ta' l-imputat,

ikkunsidrat anke l-ammissjoni tieghu, ikkonsidrat ukoll dak li xehdet Carmen Borg, li apparti fejn si tratta ghal kuntatt mieghu fil-kumplament hija biss hearsay evidence, semghet ukoll ix-xhieda ta’ Josette Camiller, kkonsidrat illi jkunu fl-ahjar interess ta’ Alan Grech li jithalla jitkompla jaghmel programm kontra l-abbuz tad-droga b’dan pero’ li se jitqieghed that certu kontrolli, ghaldaqstant wara li rat l-art 5 tal-Kap 152 qeghda tqeghdu taht ordni ta’ probation, b’dan illi qeghda tahtar bhala Probation Officer lil Carmen Borg. Din l-ordni qeghda ssir ghal perjodu ta’ sentejn b’dan illi hija kundizzjoni irrevokabbli illi matul dawn is-sentejn l-istess Alan Grech se jkompli l-programm illi gia beda kontr l-abbuz tad-droga fi hdan l-agenzija Santa Marija (Sedqa) u ghandu joqghod ghal kwalunkwe direttiva li taghtih l-istess Probation Officer u l-Ufficjali ta’ l-istess agenzija.

Alan Grech ghandu jingieb quddiemha kull sitt gimghat mal-Probation Officer biex b’hekk fil-prezenza tieghu l-Qorti tiehu konjizzjoni tal-progress tieghi.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.